# "FLAVIA IULIA HELENA PIISSIMA AUGUSTA"

*Mons. Prof. CARMELO CASSAR*

## Id-Dar ta' S. Elena f'Ruma

Ftit minuti bogħod mill-basilika ta' San Giovanni in Laterano f'Ruma hemm knisja interessanti ħafna; hija l-basilika msejħa Santa Croce in Gerusalemme. Fiha hemm kappella fejn jinżammu b'għożża kbira r-relikwiji insinji tal-passjoni ta' Kristu l-aktar dawk tas-Salib imqaddes. Hemm ukoll kripta fejn wieħed jista' jammira statwa antika tar-rham ta' Sant' Elena Awgusta. Il-pittura tal-knisja turi episodji mill-ħajja ta' Sant' Elena, bis-sejba tas-Salib imqaddes tiddomina fl-abside.

Fil-post fejn illum hemm din il-basilika fl-antik kien hemm il-Palazz Sessorjan. Il-Palazz Sessorjan fis-snin għoxrin tas-seklu 4 kien id-dar ta' Sant' Elena. Fil-qrib l-art lil hinn mill-Porta Sessoriana (illum Porta Maggiore) kienet proprjetà tagħha ("possessio Augustae Helenae"). Minn irħama li issa qegħda l-Vatikan nafu li dik il-ħabta Elena irrestawrat xi "terme" f'dawk l-inħawi. F'Santa Croce in Gerusalemme għad hemm iskrizzjoni fuq il-pedestall ta' l-istatwa li Iulius Maximilianus, aktarx wara s-sena 326, waqqaf f'ġieh "Fl. Iulia Helena Piissima Augusta".

## Tifkiriet barra Ruma

Mis-snin għoxrin tas-seklu 4 għad baqa' f'postijiet oħra barra Ruma fdalijiet ta' monumenti jew iskrizzjonijiet li jiċċelebraw lil Elena bħala Awgusta. Insemmu fosthom iskrizzjoni f'Salerno dedikata lil "Fl. Augusta Helena" u li fiha Alpinius Magnus, dak iż-żmien gvernatur, ifaħħar il-"pietas" u l-"excellantia" tagħha. Nafu wkoll li f'dak iż-żmien is-senat u l-poplu ta' Saepium waqqfu statwa f'ġieh il-"piissima ac clementissima Augusta", kif għamlu wkoll is-senat u l-poplu ta' Napli.

Il-ġieh pubbliku permezz ta' monumenti u iskrizzjonijiet jidher li beda jingħata lil Elena meta hi saret Awgusta. Nistgħu niddeterminaw id-data ta' din l-elevazzjoni?

## Meta Elena saret Imperatriċi

Il-promozzjoni ta' Elena mxiet pass pass ma' l-avvanz ta' binha Kostantinu.

Kostantinu ġie ipproklamat Imperatur mill-eżerċtu dak inhar li miet missieru, l-Imperatur Kostanzu Kloru (25 ta' Lulju, 306). Hu mill-ewwel sejjaħ lil ommu Elena ħdejh biex tiehu l-post li kien jixirqilha fis-segwitu tiegħu. Dak iż-żmien l-imperu kien immexxi minn erba' renjanti, u Kostantinu kien biss wieħed minnhom; kienet għadha trid tasal is-sena 324 biex hu jsir l-imperatur wieħed ta' l-imperu kollu. Sadattnat għal ħabta tas-sena 317 hu żejjen lil Elena bit-titolu għoli ta' "nobilissima femina". Għad hawn muniti b'isem Elena onorata b'dan it-titolu.

Fis-sena 324 faqqgħet gwerra bejn Kostantinu, l-Imperatur fil-punent, u Liċinju, l-Imperatur fil-Lvant. Wara rebħiet kbar ta' Kostantinu f'Adrijanopli u ta' ibnu Krispu fid-Dardanelli, Kostantinu rebaħ il-battalja finali fi Scutari nhar it-18 ta' Settembru, 324. Minn dak inhar hu sar l-imperatur wieħed ta' l-imperu Ruman kollu.

Ma setax jonqos li dan is-suċċess ikun iċċelbrat b'festi kbar. Fil-kwadru ta' dawn il-festi, nhar it-8 ta' Novembru, 324 Kostantinu ikkonferma lil ibnu Kostanzu bħala Ċesri. Dak inhar ukoll Kostantinu għolla lil ommu Elena għad-dinjità ta' Imperatriċi Awgusta.

**"Piissima Augusta"**

It-titolu ta' Awgusta mogħti lil Elena kien l-okkażjoni ta' ħafna espressjonijiet ta' ġieħ lejha. Il-fdalijiet ta' monumenti u iskrizzjonijiet dedikati lilha dak iż-żmien huma biss xhieda ċkejkna ta' l-istima li kienet tgawdi fost il-poplu.

Kienet stima mistħoqqa, u kienet tixhed ammirazzjoni u rikonoxxenza fl-istess ħin. Għax kien kbir tassew il-ġid li l-"clementissima Augusta" għamlet lill-poplu mill-quċċata tas-setgħa u l-ġieħ. Dan waħdu kien ikun biżżejjed biex kulħadd jibqa' jiftakarha b'rispett. Imma Elena kellha titolu mqar akbar ta' glorja, li minħabba fih setgħet fl-ogħla sens tissejjaħ "piissima Augusta".

Il-figura ta' Elena infatti tgħaqqad flimkien id-dinjità irjali u l-qdusija nisranija. Il-waħda u l-oħra flimkien għamlu minnha ideal li t-tron ta' Ruma imperjali qatt qabel ma kien ra bħalu.

Elena għamlet impressjoni tant kbira li t-tifkira tagħha baqgħet ħajja għal sekli sħaħ wara. Aktar minn 120 sena wara mewtha, meta l-isqfijiet li ħadu sehem fil-Konċilju ta' Kalċedonja (451) riedu jagħmlu kumpliment lir-renjanti ta' żmienhom, ma sabux aħjar milli japparagunawhom ma' Elena u binha[1]; lill-Imperatriċi Pulcheria qalulha: "Int urejt il-fidi ta' Elena! Int urejt it-tjubija ta' Elena!"[2]. Ħafna snin wara tannew l-istess ħaġa l-isfqijiet fit-tieni Konċilju ta' Nicaea (787); huma sejħu lill-Imperatriċi ta' żmienhom "Elena ġdida!"[3].

Illum min iżur il-basilika ta' Santa Croce in Gerusalemme (fejn iħoss ruħu qrib lejn Elena aktar minn f'kull post ieħor) jiftakar li l-Imperatriċi Awgusta kienet fuq kollox Mara ta' Fidi.

(1) Fil-Lvant kemm Elena kif ukoll Kostantinu huma meqjumin bħala qaddisin. Il-festa tagħhom flimkien issir fil-21 ta' Mejju.

(2) Ara Acta Conciliorum Oecumenicorum ii. 1, 2 (1933), 155. Ara wkoll ibid. ii. 2, 2 (1936), 9: "Int tiddefendi s-Salib ta' Kristu. Sabitu Elena, ħarsitu Pulcheria."

(3) Ara P. Henry, Journal of Theological Studies, 1974, p. 75.